MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2025

Rikors Kostituzzjonali Numru 105/2023 LM

**David Mallia (K.I. nru. 12383(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat; u**
**Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Community Malta**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fit-2 ta' Marzu, 2023, mir-rikorrent **David Mallia (K.I. Nru. 12383(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] fejn ġie sottomess dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi l-esponent huwa missier il-minuri Cody Mallia li twieled nhar is-27 ta' Jannar tas-sena 2013 ġewwa Malta hekk kif jixhed iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Cody Mallia – iċ-ċertifikat tat-twelid qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dokument DM1**';*

2. *Illi l-esponent ilu sa mis-sena 2016 igawdi mill-kura u kustodja esklussiva ta' ibnu l-minuri Cody Mallia* ai termini *tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-26 ta' Mejju tas-sena 2016 – kopja legali tas-sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument DM2'**;*

3. *Illi fi Frar tal-2020, l-esponent mar japplika mal-Aġenzija Identity Malta sabiex jinħareġ passaport għal ibnu l-minuri, iżda hu ġie riferit għad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-imsemmija aġenzija, li sa dak iż-żmien kien għadu jifforma parti mill-imsemmija aġenzija, sabiex isiru l-verifiki meħtieġa fid-dawl tal-fatt li omm il-minuri Cody Mallia m'hijiex ċittadina ta' Malta;*

4. *Illi d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza informa lill-esponent li sabiex ikun jista' jinħareġ passaport għal ibnu l-minuri, huwa kellu jissottometti għan-nom ta' ibnu l-minuri applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni, stante li bin minuri l-esponent ma kienx meqjus bħala ċittadin ta' Malta, minkejja l-fatt li kien jissodisfa l-kriterju tal-paragrafu (a) tat-tieni proviso tal-Artikolu 5(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi l-esponent ġie eventwalment a konjizzjoni tal-fatt li peress li ibnu l-minuri twieled minn relazzjoni barra ż-żwieġ, kien japplika l-Artikolu 17 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif se jiġi ppruvat tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, dan l-artikolu kif kien miktub dak iż-żmien,* ossia *fi Frar tal-2020, kien joħloq diskriminazzjoni bejn ġenitur singlu raġel ċittadin ta' Malta u ġenitur singlu mara ċittadina ta' Malta, għaliex l-effett tiegħu kien iwassal, kif filfatt għamel fil-każ tal-esponent, biex f'każ ta' ġenitur singlu (konnotazzjoni ta' ġenitur) li ma jkunx fiż-żwieġ), jekk il-ġenitur singlu omm tkun ċittadina ta' Malta, binha jew bintha jiġu awtomatikament meqjusa ċittadini ta' Malta a bażi tal-Artikolu 5 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jekk il-ġenitur singlu jkun missier u ċittadin ta' Malta imma l-omm ma tkunx ċittadina ta' Malta, l-imsemmi Artikolu 5 ma japplikax u l-ġenitur singlu missier ikollu japplika bi ħlas għan-nom ta' ibnu jew bintu l-minuri sabiex jottjeni ċ-ċittadinanza ta' Malta permezz ta' naturalizzazzjoni għal ibnu jew bintu l-minuri;*

6. *Illi fil-fatt hekk ġara, u konsegwenza ta' din id-diskriminazzjoni, fis-17 ta' Frar tal-2020, l-esponent kellu jħallas is-somma ta' ħames mija u għaxar ewro (€510) sabiex jissottometti l-applikazzjoni magħrufa bħala* 'Form J' *– vera kopja tal-irċevuta oriġinali maħruġa lill-esponent mill-Aġenzija Identity Malta qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument DM3'** – bil-għan li din tiġi pproċessata u ibnu l-minuri jingħata ċ-ċittadinanza*

*Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni u sussegwentement ikun jista' japplika sabiex ikun jista' jinħareġ passaport għal ibnu l-minuri;*

7. *Illi l-applikazzjoni imsemmija fil-paragrafu preċedenti ġiet ipproċessata b'suċċess u fis-16 ta' Marzu tal-2020, bin minuri l-esponent,* ossia *Cody Mallia, ġie naturalizzat bħala ċittadin ta' Malta* ai termini *tal-Artikolu 11(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponent għamel diversi ilmenti u talbiet, kemm b'mod informali kif ukoll b'mod formali, sabiex jiġi rifuż l-ammont ta' ħames mija u għaxar ewro (€510) rappreżentanti l-ipproċessar tal-applikazzjoni magħmula minħabba liġijiet diskriminatorji. Fit-12 ta' April tas-sena 2021, l-esponent ressaq ilment mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza fejn dan l-ilment ġie milqugħ permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, Renee Laiviera, nhar id-9 ta' Awwissu tas-sena 2022 fl-Investigazzjoni Numru CMPL 06/21 fl-ismijiet* 'David Mallia vs Aġenzija Komunità Malta'*, u fis-26 ta' Jannar ta' din is-sena ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali bin-numru 325/2023. Kopja tal-konversazzjonijiet elettroniċi qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dokument DM4**'. Kopja tad-deċiżjoni mogħtija lill-Kummissarju tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, Renee Laiviera, nhar id-9 ta' Awwissu tas-sena 2022 fl-Investigazzjoni Numru CMPL 06/21 fl-ismijiet* 'David Mallia vs Aġenzija Komunità Malta' *qed tiġi hawn annessa u mmarkata '**Dokument DM5**'. Kopja legali tal-ittra uffiċjali bin-numru 325/2023 qed tiġi hawn annessa u mmarkata '**Dokument DM6**'. Madankollu, l-awtoritajiet konċernati baqgħu għal kollox inadempjenti.*

9. *Illi l-Artikolu 17 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien fis-seħħ qabel l-emendi tal-Att XV tal-2020, u l-aġir diskriminatorju fil-konfront tal-esponent a bażi tas-sess jiksru b'mod sfaċċat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45*[1] *tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 8 u 14*[2] *tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i) *Tiddikjara li l-Artikolu 17 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza, Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien fis-seħħ qabel l-emendi tal-Att XV tal-2020 u l-aġir tal-Istat Malti u l-Aġenzija* Community Malta *fil-konfront tal-esponent u ta' persuni li kienu fl-istess qagħda tiegħu sakemm dan l-aġir baqa' hekk, jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 45*[3] *tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta*

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-24.07.2024.
[2] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-24.07.2024.
[3] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-24.07.2024.

*kif ukoll ksur tal-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*ii) Tordna l-kumpens u l-ħlas lura lill-esponent għal ħlasijiet mitluba b'mod diskriminatorju u mħallsa mill-esponent kawża tal-aġir imsemmi;*

*iii) Tiddeċiedi dwar u tillikwida kumpens ġustifikat għad-danni morali li ġarrab l-esponent minħabba l-aġir imsemmi u tordna l-ħlas tiegħu lill-esponent, u tagħti kwalunkwe provvediment li tħoss meħtieġ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 325/2023 u bl-imgħaxijiet applikabbli."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat** u tal-**Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunità Malta**, li ġiet ippreżentata fil-11 ta' April, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu illi l-azzjoni rikorrenti hija karenti mill-**interess ġuridiku** neċessarju li għandu jkun dirett, leġittimu u attwali (fn. 1: Vide **Joseph Agius vs Ellul Vincenti** , deċiża fil-21 ta' Ottubru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ara wkoll **Onor Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali et**, mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti Kostituzzjonali), jew dak li jissejjaħ '**victim status'** fil-kamp konvenzjonali;*

    *Dan peress illi fl-ewwel lok il-leżjoni illi qiegħed jallega li saret hija waħda fil-konfront ta' ibnu minuri u għalhekk kien ibnu minuri, tramite rappreżentanza neċessarja, illi kellu jintavola dawn il-proċeduri;*

    *Fit-tieni lok, illum-il ġurnata kif jgħid r-rikorrent stess, l-applikazzjoni għal ċittadinanza ta' iben ir-rikorrent ġiet* "ipproċessata b'suċċess u fis-16 ta' Marzu tal-2020, bin minuri l-esponent, ossia Cody Mallia, ġie naturalizzat bħala ċittadin ta' Malta" *u b'hekk l-interess ġuridiku li għandu jkun eżistenti sa mill-bidu tal-kawża u jissussisti tulha, huwa għal din ir-raġuni wkoll karenti (fn. 2: **Frederick Azzopardi et v. Kummissjoni Elettorali**, deċiża 13 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Kostituzzjonali)*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, sa fejn ir-rikorrent jilmenta minn aġir tal-Aġenzija intimata, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent kellu jagħmel użu mir-rimedju ordinarju mogħti fil-liġi sabiex jattakka l-egħmil amministrattiv tal-istess aġenzija. Fin-nuqqas, ġialadarba r-rikorrent naqas milli jagħmel użu minn dan ir-rimedju ordinarju effettiv, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha u dan* ai termini tal-

**provisos** ***għall-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta*** *(fn. 3:* ***Wasim Rakib vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et****, deċiża 11 ta' Novembru 2022, 79/2022CFS)*

3. *Illi preliminarjament, sa fejn l-ewwel talba tar-rikorrent hija mmirata għal dikjarazzjoni* "fil-konfront tal-esponent u ta' persuni li kienu fl-istess qagħda tiegħu", *l-esponenti jeċċepixxi illi jidher biċ-ċar illi l-azzjoni kif mibnija hija waħda taħt l-****artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta****, u mhux* actio popolaris ai termini *tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, f'azzjonijiet bħal dawn fejn persuna tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha misjuba fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, ġudikat jista' jkollu effett biss* inter partes *u mhux* erga omnes, *u tali talba kif imposta ma tista' qatt tintlaqa';*

4. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti Aġenzija Komunità Malta m'hijiex il-leġittimu kontradittur* ai termini *tal-****artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *għaliex ma tistax twieġeb għal allegati leżjonijiet riżultanti mill-ħarsien tagħha* ad unguem *tal-liġijiet kif promulgati;*

5. *Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrent fejn qiegħed jallega leżjoni tal-****artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni****, l-esponenti jeċepixxu illi din it-talba hija improponibbli stante li dan is-subinċiż jipprovdi definizzjoni u ma jipprovdix dritt fundamentali azzjonabbli li jista' jiġi infurzat. Ir-rikorrent kellu jindika l-****artikolu 45(1) u/jew 45(2) tal-Kostituzzjoni****, skont jekk huwiex qiegħed jattakka dipożizzjoni ta' liġi fiha nfisha jew fl-effett tagħha, jew inkella trattament minn xi persuna jew awtorità pubblika;*

6. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab magħmul abbażi tal-****artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem****, jingħad illi dan l-artikolu jrid ikun* ***marbut ma' dritt sostantiv ieħor taħt l-istess Konvenzjoni****. Illi mit-talbiet kif magħmulin fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn* "ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni". *Illi għaldaqstant, ir-rikorrent m'huwiex qiegħed jorbot l-Artikolu 14 ma' dritt sostantiv ieħor u għalhekk ma jistax jinstab ksur ta' dan l-Artikolu;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju, sa fejn ir-rikorrent qiegħed jorbot id-diskriminazzjoni li sofra mal-kategorija tas-sess, skont kif jispjega fil-premessa numru 9 fir-rikors promotur, ma jistax jingħad illi r-rikorrent sofra diskriminazzjoni abbażi tas-sess tiegħu,* stante *li kien ibnu minuri, kif jgħid hu stess, illi ma kienx meqjus bħala ċittadin ta' Malta u mhux ir-rikorrent innifsu illi kien xorta waħda meqjus bħala ċittadin Malti, nonostante s-sess tiegħu;*

   *Id-distinzjoni fil-liġi kif fis-seħħ qabel il-promulgazzjoni tal-Att XV tal-2020 ma kinitx dipendenti fuq is-sess tal-persuna li qiegħda tapplika għaċ-ċittadinanza, iżda dwar jekk il-persuna kinitx imwielda minn persuni fi żwieġ jew barra miż-*

*żwieġ (fn. 4: "*45. The Court notes that the applicant was in an analogous situation to other children with a father of Maltese nationality and a mother of foreign nationality. The only distinguishing factor, which rendered him ineligible to acquire citizenship, was the fact that he had been born out of wedlock". ***Genovese v Malta*** *(Application no. 53124/09));*

*Jiġi b'hekk illi bil-liġi kif fis-seħħ qabel l-emenda in kwistjoni, ma kien hemm ebda distinzjoni fit-trattament bejn persuni ta' sess differenti kif qiegħed jallega r-rikorrent;*

8. *Illi fl-aħħarnett,* dato ma non concesso *illi dina l-Onorabbli Qorti ssib li hemm differenza fit-trattament tar-rikorrent u ta' oħrajn fil-pożizzjoni tiegħu, xorta waħda ma jistax jingħad illi din id-differenza kienet waħda bla bażi fid-dawl tal-kuntest li fih kienet promulgata l-liġi kif fis-seħħ qabel l-emendi introdotti bl-Att XV tal-2020;*

9. *Illi fuq kollox, bil-promulgazzjoni tal-Att XV tal-2020 fit-3 ta' April 2020, iben ir-rikorrent kien sar jikkwalifika għaċ-ċittadinanza Maltija bi twelid jew dixxendenza* ai termini *tal-artikolu 5 tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li huwa twieled wara s-sena 2005. Għalhekk, wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XV tal-2020, iċ-ċittadinanza ta' iben ir-rikorrent saret* ex lege *b'mod awtomatiku sa mit-twelid tiegħu, u ma baqgħetx titqies illi tmur lura biss mill-ilqugħ tal-applikazzjoni li saret għan-nom tiegħu fi Frar 2020;*

   *Terġa' u tgħid, fil-mument li r-rikorrent applika għaċ-ċittadinanza f'isem ibnu, u ċioe' fi Frar tal-2020, l-Abbozz ta' Liġi għall-Att XV tal-2020 kien ilu ppublikat mit-18 ta' Ottubru 2019. Dan l-Abbozz kien fih proposta li tirretifika d-differenzi li kien hemm bejn tfal imwielda fiż-żwieġ u oħrajn li twieldu barra miż-żwieġ. Għalhekk, ir-rikorrent kien jaf, jew seta' jkun jaf, illi din l-applikazzjoni f'isem ibnu ma kinitx ser tibqa' neċessarja;*

10. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;*

11. *Illi inoltre ġialadarba r-rikorrent mhux qiegħed jiġi assoġġettat għal ebda vjolazzjoni, m'hemm ebda lok għal ordnijiet ta' danni pekunjarji u/jew non-pekunjarji;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġialadarba r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent".*

3. Rat ir-Risposta ulterjuri tal-intimat **l-Avukat tal-Istat** li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Awwissu, 2024, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi permezz ta' digriet mogħti nhar l-24 ta' Lulju 2024, dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponent sabiex iressaq eccezzjonijiet ulterjuri fid-dawl tal-korrezzjonijiet li saru mir-rikorrent fir-rikors promotur:*

*Illi l-eċċezzjonijiet li l-esponent qiegħed iressaq jaqraw kif jsegwi:*

1. *Illi b'mod preliminari, f'dan l-istadju l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku, inkluż dak attwali, tar-rikorrent sabiex iressaq talbiet għal dikjarazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea marbut mal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni in vista ta' fatti li okkorrew matul il-proceduri odjerni;*
2. *Illi l-esponent jeċepixxi wkoll li l-azzjoni tar-rikorrent tfalli fejn qiegħed jorbot l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi tal-artikolu 14 mat-tħaddim tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għaliex l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu 8 u ċioe' tad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u familjari. Dan l-artikolu ma jipprevedi ebda dritt sabiex persuna tingħata xi ċittadinanza jew oħra. Lanqas ma jista' jingħad illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija affettwat il-ħajja familjari tar-rikorrent ma' ibnu. B'hekk ġaladarba l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u peress illi ilment magħmul abbażi tal-artikolu 14 irid neċessarjament ikun marbut ma' dritt sostantiv ieħor tal-Konvenzjoni, din it-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa';*
3. *Illi mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċepixxi li sa fejn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-liġi mil-lenti tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jingħad illi ma hemm l-ebda ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet u dan għaliex ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex ir-rikorrent ikun jista' jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu* ai termini *tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li r-rikorrent jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta'* 'like with like';".

4. Rat li fil-31 ta' Jannar, 2024, din il-Qorti tat sentenza preliminari dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati, fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tagħhom, filwaqt li laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet, illiberat lill-intimata Aġenzija Komunità Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija'] mill-

osservanza tal-ġudizzju, u llimitat l-eżami tat-talbiet tar-rikorrent għall-ksur o meno tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2025, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati rispettivament mir-rikorrenti u mill-intimat l-Avukat tal-Istat.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

5. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri bħala missier jew ġenitur *single* ta' ibnu minuri Cody Mallia, imwieled barra miż-żwieġ. Ir-rikorrent huwa ċittadin Malti, filwaqt li omm it-tifel m'għandhiex ċittadinanza Maltija. Ir-rikorrent jgħid li huwa ngħata l-kura u l-kustodja esklussiva ta' ibnu b'deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sena 2016, u fis-sena 2020 huwa kien applika għal passaport f'isem ibnu minuri. Kien hawnhekk li huwa ġie mgħarraf li ladarba ibnu kien imwieled barra miż-żwieġ minn omm li m'għandhiex ċittadinanza Maltija, kellha ssir applikazzjoni sabiex ibnu jingħata ċ-ċittadinanza bi proċess ta' naturalizzazzjoni. Ir-rikorrent qal li għalhekk ibnu ma kienx meqjus bħala ċittadin ta' Malta. minkejja li kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 5(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok ġie infurmat li l-i*status* tiegħu kien regolat taħt l-artikolu 17 tal-istess Liġi. Jikkontendi li dan ifisser li saret diskriminazzjoni bejn ġenitur *single* raġel ċittadin ta' Malta, u ġenitur *single* mara ċittadina ta' Malta. Żied jgħid li huwa kellu jħallas l-ammont ta' €510

sabiex ibnu jingħata ċ-ċittadinanza Maltija bil-proċess ta' naturalizzazzjoni, u sabiex huwa seta' japplika għal passaport f'isem ibnu. Ir-rikorrent qal li l-applikazzjoni f'isem ibnu fil-fatt intlaqgħet fis-16 ta' Marzu, 2020, iżda huwa xorta waħda jħoss li ġie diskriminat, u talab lill-entitajiet governattivi kkonċernati jirrifondulu l-ammont li ħallas għall-applikazzjoni taċ-ċittadinanza bin-naturalizzazzjoni f'isem ibnu. Ir-rikorrent qal li huwa lmenta mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza dwar din is-sitwazzjoni, u fil-fatt il-Kummissjoni tat deċiżjoni favur tiegħu. Jirrileva li minkejja li saret rakkomandazzjoni sabiex huwa jiġi rifuż il-flus li ħallas għall-applikazzjoni taċ-ċittadinanza, din it-talba tiegħu xorta waħda ma ġietx milqugħa. Ir-rikorrent jispjega li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri għaliex fil-fehma tiegħu l-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kien fis-seħħ qabel l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XV tal-2020, kien jammonta għal aġir diskriminatorju fil-konfront tiegħu abbażi ta' sess, u dan bi ksur tal-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-artikolu 17 tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kien fis-seħħ qabel l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XV tal-2020, u l-aġir tal-Istat Malti u tal-Aġenzija *Community Malta* fil-konfront tar-rikorrent u ta' persuni fil-qagħda tiegħu, jammontaw għal ksur tal-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk talab kumpens u l-ħlas lura tal-flus imħallsa minnu meta ppreżenta l-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza bil-proċess tan-naturalizzazzjoni. Ir-rikorrent talab ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għad-danni morali sofferti minnu, flimkien ma' kull provvediment ieħor li din il-Qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq.

6. Min-naħa tagħhom l-intimati qegħdin iressqu dawn l-eċċezzjonijiet fil-mertu, li għad iridu jiġu deċiżi permezz ta' din is-sentenza: (a) fejn ir-rikorrent qiegħed jallega ksur tas-subartikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni, jgħidu li t-talba hija improponibbli għaliex l-imsemmi subartikolu jipprovdi għal definizzjoni u mhux għal dritt fundamentali azzjonabbli li jista' jiġi nfurzat, imma fi kwalunkwe każ ir-rikorrent kien tenut jindika s-subartikolu 45(1) jew 45(2) tal-Kostituzzjoni skont jekk huwa qiegħed jattakka dispożizzjoni tal-liġi jew l-effett tagħha jew trattament minn xi persuna jew awtorità pubblika; (b) fejn l-ilment tar-rikorrent jolqot l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, dan għandu jkun marbut ma' dritt sostantiv ieħor taħt l-istess Konvenzjoni, għaliex ma jistax jinstab ksur tal-imsemmi Artikolu; (ċ) kien iben ir-rikorrenti li ma kienx meqjus bħala ċittadin ta' Malta, u mhux ir-rikorrent li kien qiegħed jallega diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu abbażi ta' sess, iżda hawnhekk il-liġi qabel ma ġie fis-seħħ l-Att XV tal-2020, kienet tagħmel distinzjoni mhux abbażi ta' sess iżda jekk persuna tkunx twieldet minn persuni fiż-żwieġ jew barra miż-żwieġ; (d) jekk il-Qorti jidhrilha li kien hemm differenza fit-trattament tar-rikorrent u ta' oħrajn fil-pożizzjoni tiegħu, għandha tiġi kkunsidrata l-liġi kif din kienet fis-seħħ qabel l-emendi leġislattivi ppromulgati permezz tal-Att XV tal-2020; (e) meta daħal fis-seħħ l-imsemmi Att, iben ir-rikorrenti kien jikkwalifika għaċ-ċittadinanza Maltija skont it-twelid jew id-dixxendenza *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 188, ġaladarba huwa twieled wara l-2005, u hawnhekk għandu jiġi kkunsidrat li meta saret l-applikazzjoni tar-rikorrent għaċ-ċittadinanza ta' ibnu, l-abbozz tal-Att XV tal-2020 kien ilu ppubblikat mit-18 ta' Ottubru, 2019, u għalhekk ir-rikorrent kien jaf jew seta' kien jaf li l-imsemmija applikazzjoni ma kinitx ser tkun meħtieġa; (f) għaldaqstant ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; (ġ) ġaladarba m'hemmx ksur, m'għandu jkun hemm l-ebda odni għal danni pekunjarji u/jew non-pekunjarji; (g) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Provi u riżultanzi**

7. Flimkien mar-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' ibnu minuri Cody Mallia[4]; kopja tas-sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet **David Mallia *vs.* Dawn Elizabeth Adams**, tas-26 ta' Mejju, 2016 li permezz tagħha r-rikorrent ingħata l-kura u kustodja ta' ibnu minuri b'mod esklussiv, inkluż fejn jidħlu deċiżjonijiet relatati mal-edukazzjoni, mas-saħħa u mar-reliġjon tal-minuri[5]; kopja tal-irċevuta tal-ħlas ta' ħames mija u għaxar Euro (€510) li r-rikorrent ħallas lill-Aġenzija Identity Malta[6]; kopja ta' korrispondenza li ntbagħtet lil entitajiet governattivi dwar il-kwistjoni mqajjma mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri[7]; kopja ta' deċiżjoni preliminari mogħtija mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza[8]; kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali li r-rikorrent bagħat lill-Kap Uffiċjal Eżekuttiv tal-Aġenzija Identity Malta, datata s-26 ta' Jannar, 2023.[9]

8. Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2023, l-intimati esebew kopja taċ-Ċertifikat ta' Ċittadinanza Maltija ta' Cody Mallia, minn fejn jirriżulta li l-minuri ngħata ċ-ċittadinanza Maltija bil-proċess ta' naturalizzazzjoni abbażi tal-artikolu 11(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta).[10]

9. Fl-*affidavit* tiegħu[8], ir-rikorrent spjega li bejn is-sena 2012 u s-sena 2015 huwa kellu relazzjoni ma' mara ta' nazzjonalità Brittanika, u minn din ir-relazzjoni twieled ibnu minuri Cody. Qal li wara t-twelid ta' ibnu, ir-relazzjoni

---

[4] *A fol.* 6 tal-proċess.
[5] *A fol.* 7 tal-proċess.
[6] *A fol.* 14 tal-proċess.
[7] *A fol.* 15 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 35 tal-proċess.
[9] *A fol.* 41 tal-proċess.
[10] *A fol.* 55 tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 tal-proċess.

mal-omm intemmet, u għalhekk huwa beda proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex ikun jista' jikseb il-kura u l-kustodja esklussiva ta' ibnu. Fil-fatt, b'sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2016, ir-rikorrent ġie fdat bil-kura u l-kustodja ta' ibnu minuri. Ir-rikorrent spjega li fi Frar tal-2020, huwa applika għall-passaport ta' ibnu minuri, iżda meta mar l-Aġenzija Identity Malta, huwa ġie infurmat li qabel xejn kellha ssir applikazzjoni sabiex jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni għaliex ibnu ma kienx meqjus li huwa ċittadin Malti ġaladarba omm it-tifel mhijiex ċittadina Maltija. Ir-rikorrent qal li ibnu jissodisfa dak li jgħid l-artikolu 5(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, ladarba jirriżulta li l-missier huwa ċittadin Malti, iżda minkejja li ddiskuta dan ma' uffiċjali tal-Aġenzija Identity Malta, huwa reġa' ġie nfurmat li biex ibnu jkollu passaport, dan kellu japplika għaċ-ċittadinanza bil-proċess ta' naturalizzazzjoni. Ir-rikorrent qal li dakinhar stess huwa mela l-applikazzjoni magħrufa bħala *'Form J'* għan-nom ta' ibnu sabiex dan ikun jista' jingħata ċittadinanza Maltija, iżda ġie infurmat li sabiex din l-applikazzjoni setgħet tiġi pproċessata, kien meħtieġ li jsir ħlas ta' €510. Qal li din l-applikazzjoni ġiet approvata fis-16 ta' Marzu, 2020, u minn dakinhar ibnu ġie meqjus li huwa ċittadin ta' Malta. Qal li f'Novembru tal-2020, huwa bagħat *email* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn spjega x'kien ġara, u talab għal rimedju sempliċi, jiġifieri li huwa jiġi rifuż l-ammont ta' flus li ħareġ għaċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni ta' ibnu, għaliex fil-fehma tiegħu l-liġi kienet tiddiskrimina miegħu għaliex huwa ġenitur *single* raġel. Qal li kieku l-istess proċess sar minn omm *single* ċittadina Maltija, din ma kienx ikollha għalfejn tapplika għal ċertifikat ta' naturalizzazzjoni, għaliex binha jkun meqjus bħala ċittadin Malti mit-twelid. Iżda ladarba l-omm mhijiex ċittadina Maltija, u minkejja li t-tifel twieled f'Malta, dan mhuwiex meqjus li huwa ċittadin Malti. Ir-rikorrent qal li wara li kien hemm din il-korrispondenza, huwa beda jiġi f'kuntatt mal-Aġenzija Identity Malta, fejn ġie infurmat li ladarba l-applikazzjoni

tiegħu għaċ-ċittadinanza ta' ibnu bil-proċess ta' naturalizzazzjoni saret qabel l-emendi leġislattivi li ddaħħlu fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza f'Ġunju tal-2020, jirriżulta li d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza tal-Aġenzija Identity Malta, kien mexa skont il-liġi. Ir-rikorrent qal li huwa ma kienx sodisfatt b'din it-tweġiba, u għalhekk fit-12 ta' April, 2021, ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza dwar dan l-aġir diskriminatorju fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent spjega li l-ilment tiegħu ġie milqugħ fid-19 t'Awwissu, 2022, permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, li kkonkludiet li l-applikazzjoni tal-liġi kif kienet miktuba dak iż-żmien, kienet diskriminatorja fil-konfront tiegħu. L-istess Kummissarju ddikjarat li l-Aġenzija *Community Malta* kienet iddiskriminat fil-konfront tar-rikorrent, u għalhekk irrakkomandat li l-flus li tħallsu minnu għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza ta' ibnu, jiġu rifużi lura lilu. Ir-rikorrent qal li minkejja dan, l-Aġenzija *Community Malta* għażlet li ma tintrabatx bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, u r-rakkomand-azzjoni ġiet kompletament injorata. Qal li wara din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, huwa ġie infurmat li l-Aġenzija *Community Malta* kienet qiegħda tagħmel investigazzjoni interna tal-każ tiegħu, iżda minkejja li pprova jara f'hiex kienet waslet din l-investigazzjoni, huwa baqa' ma ngħata l-ebda informazzjoni, ħlief li l-investigazzjoni għadha għaddejja. Ir-rikorrent qal li fis-26 ta' Jannar, 2023, huwa bagħat ittra uffiċjali lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija *Community Malta*, fejn għal darba oħra talab li jiġi rifuż l-ammont ta' ħames mija u għaxar Euro (€510) imħallas minnu fir-rigward tal-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza ta' ibnu, iżda għal darb'oħra t-talba tiegħu waqgħet fuq widnejn torox. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa ma kellu l-ebda għażla għajr li jiftaħ dawn il-proċeduri sabiex iħares id-drittijiet tiegħu bħala ġenitur *single*, u jitlob lill-Qorti tiddikjara li huwa ġie diskriminat minħabba s-

sess tiegħu. Finalment ir-rikorrent qal illi li kieku huwa kien mara f'pożizzjoni identika, huwa ma kienx jintalab iħallas ħames mija u għaxar Euro (€510) għall-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija għan-nom ta' ibnu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza t-talbiet tar-rikorrent, u l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat fil-mertu. Tibda billi tikkunsidra l-ħames eċċezzjoni ta' dan tal-aħħar, fejn jeċċepixxi li t-talba tar-rikorrent kif imsejsa fuq is-subartikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni hija improponibbli għaliex dan ma jipprovdi għall-ebda dritt fundamentali, iżda biss għal definizzjoni. Il-Qorti tgħid li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz ta' korrezzjoni fir-rikors promotur, li ġiet awtorizzata sabiex is-subartikolu msemmi jiġi sostitwit bl-artikolu 45. Għalhekk hija mhijiex ser tikkunsidra ulterjorment il-ħames eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

11. Permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat qiegħed jikkontendi li fejn imbagħad l-ilment tar-rikorrent jistrieħ fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, dan mhuwiex marbut ma' dritt sostantiv ieħor taħt l-istess Konvenzjoni, u għaldaqstant ma jistax jinstab ksur tiegħu. Il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll il-kwistjoni ġiet sorvolata permezz ta' korrezzjoni tar-rikors promotur bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u fejn ir-rikorrent żied l-Artikolu 8 mal-Artikolu 14 tal-imsemmija Konvenzjoni. Tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 jipprovdu kif ġej:

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."

12. Jirriżulta ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet li d-dritt li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-individwu, huwa mogħti fir-rigward tat-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet imsemmija fil-Konvenzjoni, u għalhekk kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat l-Artikolu 14 għandu jintrabat ma' dritt sostantiv mogħti mill-istess Konvenzjoni. Tagħraf li dan huwa skont l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-QEDB'], u l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar, 2007, fl-ismijiet **Avv. Dr. Joseph Brincat noe *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, Rik. 18/2004, li qalet hekk:

> *"Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma għandu ebda eżistenza indipendenti minn xi wieħed jew aktar mid-drittijiet sostantivi l-oħra protetti bl-istess Konvenzjoni; minkejja dan, però, jista' jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu 14 mingħajr ma jkun hemm ukoll vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv ieħor. Il-formulazzjoni klassika ta' dan il-prinċipju wieħed isibha fis-sentenza ta'* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** *fejn ingħad hekk:*
>
> "Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".

Iżda ġaladarba permezz tal-korrezzjoni fir-rikors promotur l-Artikolu 14 huwa llum marbut mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Qorti ma tikkunsidrax li għad hemm il-ħtieġa li tistħarreġ dak li ġie rilevat mill-intimat Avukat tal-Istat permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu.

13. Permezz tas-seba' eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat isostni li fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu abbażi tas-sess tiegħu, huwa mhuwiex ġustifikat, għaliex kien ibnu minuri li ma ġiex rikonoxxut bħala ċittadin ta' Malta u mhux hu. Il-Qorti tgħid li hija diġà

kellha l-opportunità fis-sentenza preliminari tagħha li tesprimi ruħha dwar dan, u fejn irrilevat:

> *"...Ir-rikorrent mhux qiegħed jilmenta biss mill-fatt li persuni oħra f'sitwazzjoni identika imma tas-sess femminili setgħu japplikaw biex jinħareġ passaport lil uliedhom minuri mingħajr id-diffikultà li l-ewwel kellhom japplikaw għaċ-ċittadinanza permezz tan-naturalizzazzjoni, iżda wkoll mill-fatt li minkejja li kien evidenti li l-liġi kienet tiddiskrimina ma' persuni bħala, huwa baqa' ma ġiex rifuż il-flus li ħallas sabiex l-applikazzjoni ta' ibnu ġiet ipproċessata  L-ilment tar-rikorrent mhuwiex ibbażat fuq il-fehma tiegħu li huwa ġie diskriminat għaliex ma ngħatax dak li applika għalih, imma għaliex huwa kellu jgħaddi mill-proċess ta' din l-applikazzjoni bi ħlas, meta persuni tas-sess femminili fil-pożizzjoni identika tiegħu, ma kellhomx għalfejn jgħaddu minn dan il-proċess."*

14. Il-Qorti għarfet li l-ilment tar-rikorrent huwa dwar id-diskriminazzjoni li saret fil-konfront tiegħu minħabba s-sess tiegħu, jiġifieri li huwa kien raġel *single* Malti u mhux mara *single* Maltija.  Fil-fatt hija żiedet tgħid ukoll li:

> *"...Il-Qorti tirrileva li l-ilment prinċipali tar-rikorrent huwa li hu ġie diskriminat għaliex raġel, billi mara fil-pożizzjoni identika tiegħu ma kinitx tintalab tgħaddi mill-istess proċedura biex ikun jista' jinħareġ passaport għal binha jew bintha. Hija din id-diskriminazzjoni li skont ir-rikorrent wasslet għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti kemm bil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem...".*

Għaldaqstant ma tarax li għandha għalfejn terġa' tesprimi mill-ġdid il-fehma tagħha dwar din il-kwistjoni.

16. Tibda billi tikkunsidra li fil-każ odjern, kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, qatt ma kien hemm ċaħda għaċ-ċittadinanza.  Tagħraf li l-ilment tar-rikorrent huwa fil-konfront tal-proċess sħiħ li huwa kellu jgħaddi minnu sabiex jikseb il-passaport ta' ibnu, fejn huwa kellu jħallas ħames mija u għaxar Euro (€510) sabiex jikseb iċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni taħt is-subartikolu 11(1) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta l-ebda somma ma kellha tkun dovuta li kieku kien omm *single* Maltija.

17. Tikkunsidra li l-para. (a) tas-subartikolu 17(1) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma ġie emendat permezz tal-Att XV tal-2020, kien jaqra kif ġej:

> "(1) F'dan l-Att –
>
> (a) kull riferenza għall-missier ta' persuna għandha, dwar persuna mwielda barra miż-żwieġ u mhux leġittimata, tiftiehem bħala riferenza għall-omm ta' dik il-persuna;".

18. It-tieni *proviso* tas-subartikolu 5(1) tal-istess liġi, kien u għadu jipprovdi kif ġej:

> "Iżda wkoll, fil-każ ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta'Awwissu, 1989, dik il-persuna ma ssirx ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan is-subartikolu ħlief jekk fil-waqt tat-twelid missierha kien jew ikun jew ommha kienet jew tkun;
>
> (a) ċittadin ta' Malta; jew
>
> (b) persuna msemmija fl-artikolu 44(4)(a) jew (b) ta tal-Kostituzzjoni.".

19. Għalhekk is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha r-rikorrent kienet riżultat ta' dak li kienet titlob il-liġi qabel din ġiet emendata permezz tal-Att XV tal-2020, sabiex b'hekk tneħħiet kull diskriminazzjoni li din setgħet ħolqot kontra missier *single* Malti.

20. Tikkunsidra li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi kif ġej:

> "(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

21. Kif jissottometti r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, m'hemmx dubju li l-i*status* tiegħu bħala ġenitur *single* raġel ta' wild u tal-istess wild illeġittimu, kif ukoll il-fatt li huwa kien ingħata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Cody Mallia li għalhekk jgħix miegħu, joħolqu fl-imsemmi rikorrenti l-aspettattiva ta' dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja. Hawnhekk il-Qorti tagħraf li fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent imur oltre l-ilment oriġinali kif imfisser fir-rikors promotur, u jinsisti li l-ilment huwa maqsum fuq żewġ binarji, jiġifieri l-i*status* tiegħu ta' missier ta' wild li twieled barra ż-żwieġ, u li huwa missier ta' wild illeġittimu. Il-Qorti tagħraf li fir-rikors promotur l-ilment tiegħu huwa ristrett għall-ewwel konsiderazzjoni fejn il-kwistjoni tirrigwarda l-allegat diskriminazzjoni li seħħ fil-konfront tiegħu bħala missier *single* Malti meta kkunsidrata l-pożizzjoni differenti ta' omm *single* Maltija fil-kwistjoni taċ-ċittadinanza tal-wild. Għalhekk il-Qorti ser tillimita l-istħarriġ tagħha għal din il-kwistjoni tal-aħħar.

22. Il-Qorti tikkunsidra li skont ir-Riżoluzzjoni 429 [1970] tal-Assemblea Parlamentari tal-Komunità Ewropea, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja huwa mħares fejn hemm l-inqas interferenza fil-ħajja taċ-ċittadin. Il-prinċipju ġenerali huwa għalhekk pjuttost wiesgħa, u l-QEDB dejjem ikkunsidrat kull każ skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, mingħajr qatt ma fissret b'mod definittiv dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala ksur.

23. Madankollu s-subartikolu 8(2) suċitat iffisser ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari fejn iċ-ċittadin jista' jsib li d-dritt tiegħu huwa assoġġettat għal xi limitazzjonijiet leġittimi[11], u dan filwaqt li l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni ma jippermettiex li dawn il-limitazzjonijiet b'xi mod joħolqu xi diskriminazzjoni:

[11] Ara QEDB Case of Kaslov v. Austria, App. 1638/03, 23.062008, u Case of Omojudi v. The United Kingdom, App. 1820/08, 24.11.2009.

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor."

24. Fil-każ odjern, il-Qorti ma ssibx li tirriżulta xi waħda mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati mill-imsemmi subartikolu 8(2) tal-Konvenzjoni li tista' tiġġustifika l-indħil fid-dritt li jgawdi r-rikorrent għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu. Ma tagħraf l-ebda ħtieġa għar-regola partikolari li ġiet interpretata mill-Aġenzija mil-liġi, u mposta fuq ir-rikorrent sabiex b'hekk jitħares l-interess tas-sigurtà soċjali, jew is-siġurtà pubblika, jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż fl-ambitu ta' soċjetà demokratika. Lanqas ma tagħraf li dak li ġie mpost fuq ir-rikorrent sar sabiex tiġi evitata xi diżordni jew xi egħmil ta' delitti jew sabiex titħares is-saħħa jew il-morali jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' terzi. Iżda tagħraf biss li l-limitazzjoni hija waħda li l-effetti tagħha joħolqu diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent abbażi ta' sess, u dan mingħajr l-ebda raġuni jew ġustifikazzjoni. Tgħid li l-intimat Avukat tal-Istat ma ressaq l-ebda prova li tista' turi l-kuntrarju.

25. Il-Qorti tikkunsidra li l-mod ta' kif l-Aġenzija kienet mitluba li timplimenta l-liġi, wassal sabiex b'hekk ġie mpost fuq ir-rikorrent l-obbligu li japplika u li jħallas dritt ta' ħames mija u għaxar Euro (€510) għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni ta' ibnu bħala rekwiżit għall-ħruġ tal-passaport tiegħu, u dan fejn din il-proċedura ma kinitx mitluba fil-każ ta' omm *single* Maltija. Tagħraf li l-ammont mhuwiex wieħed insinifikanti, u mingħajr dubju tefa' piż finanzjarju fuqu b'mod li saħansitra seta' wkoll serva ta' ostakolu għar-rikorrent li xtaq jottjeni l-passaport ta' ibnu minuri Cody Mallia minnufih għal kwalsiasi raġuni tiegħu. Tikkunsidra wkoll li omm l-imsemmi minuri kienet ta' nazzjonalità barranija, u seta' dejjem kien hemm il-possibilità li l-minuri xtaq imur jiltaqa' magħha u/jew mal-familjari tiegħu barra minn Malta. Il-Qorti ħadet in

konsiderazzjoni wkoll li l-proċess sħiħ sabiex jinħareġ l-imsemmi ċertifikat li ħa xahar, jiġifieri mis-17 ta' Frar, 2020, sas-16 ta' Marzu, 2020, liema proċess ma kienx neċessarju fil-każ ta' omm *single* Maltija. Tagħraf li din is-sitwazzjoni kienet ir-riżultat ta' liġi li ċertament ħolqot diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent li kien missier *single* Malti ta' wild illeġittimu.

26. Il-Qorti tqis li l-Istat għandu jassigura li l-liġijiet tal-pajjiż ma joħolqux sitwazzjonijiet bħal dik odjerna, fejn ċittadin ikun kostrett li saħansitra jiġi quddiem din il-Qorti sabiex jitlob għal rimedju għal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni li jkun wasslu fih l-Istat stess. Huwa dan li seħħ fil-każ odjern, u hawnhekk il-Qorti tikkunsidra dak li jipprovdi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, li jgħid dan li ġej:

> 45. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5)u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.
>
> ...
>
> (3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.

27. Kif diġà kellha l-opportunità li tistqarr aktar 'il fuq f'din is-entenza, m'hemmx dubju li fil-każ odjern jirriżulta trattament differenti bejn dak li huwa missier *single* Malti u omm *single* Maltija fir-rigward taċ-ċittadinanza tal-ulied, fejn filwaqt li dawn huma rikonoxxuti awtomatikament fil-każ ta' omm *single* Maltija, fil-każ ta' missier *single* Malti qabel l-emendi leġislattivi li ġew fis-seħħ permezz tal-Att XV tal-2020, dan kien kostrett li japplika għal ċertifikat ta'

naturalizzazzjoni, u jħallas dritt ta' ħames mija u għaxar Euro (€510) lill-Aġenzija, qabel jingħata l-passaport. Din id-diskriminazzjoni hija l-effett tal-liġi kif kienet imfassla qabel l-emenda leġislattiva riċenti. Is-subartikolu 45(4) tal-Kostituzzjoni jelenka d-diversi ċirkostanzi li huma l-eċċezzjoni fejn l-Istat għandu dritt li jindaħal u jassoġġetta d-dritt taċ-ċittadin għal ċerti limitazzjonijiet. Il-Qorti tagħraf li huwa biss l-para. (d) li jista' jkun applikabbli għall-każ odjern. Dan jitlob li d-diskriminazzjoni riżultanti għandha tkun waħda li hija *'raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika'.* Iżda kif diġà kkunsidrat, ma tirriżulta l-ebda raġuni valida għad-diskriminazzjoni li seħħet fil-konfront tar-rikorrent bħala missier *single* Malti. Għaldaqstant il-Qorti tagħraf li l-ilment tar-rikorrent huwa ġustifikat taħt l-Artikolu 8 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, għaliex jirriżulta tassew li huwa ġie assoġġettat għal trattament diskriminatorju minħabba s-sess tiegħu mingħajr l-ebda raġuni valida.[12]

28. Fil-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrent fil-mori ta' dawn il-proċeduri rċieva rifużjoni tal-ħames mija u għaxar Euro (€510) li huwa kien ħallas sabiex kiseb iċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni tal-minuri. L-intimat l-Avukat tal-Istat jippretendi li l-każ għalhekk kellu jieqaf hemm, u saħansitra permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu mressqa fir-Risposta Ulterjuri tiegħu, huwa jeċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku fir-rikorrent. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2024, fejn irrilevat li:

> *"...l-punctum temporis f'din il-kawża huwa l-mument meta ġew intavolati l-proċeduri odjern mir-rikorrent, indipendentement minn dak li seta' ġara fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u li evidentement kien influwenzat mill-mertu ta' dawn il-proċeduri".*

---

[12] Ara Q.Kost. John Caruana et vs. Kummissarju tal-Artijiet, App. 64/12, 31.10.2014, u Paul Hili vs. Avukat Ġenerali, App. 55/12, deċiż 31.10.2014.

29. Tgħid li l-istess osservazzjoni hija rilevanti hawnhekk. Ir-rikorrent għandu kull interess ġuridiku sabiex iressaq l-azzjoni odjerna dwar allegata diskriminazzjoni li saret fil-konfront tiegħu, saħansitra tliet snin qabel l-preżentata tal-imsemmija azzjoni.

30. L-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi wkoll li r-rikorrent kellu jkun jaf li l-liġi kellha tiġi emendata fil-viċin sabiex missier *single* Malti ma jkollu jsegwi l-ebda proċedura sabiex jakkwista ċertifikat ta' naturalizzazzjoni fil-każ ta' wliedu, u dan bħal fil-każ ta' omm *single* Maltija. Il-Qorti ma tikkunsidrax li dan huwa ġust fil-konfront tar-rikorrent għar-raġunijiet appena msemmija. Tikkunsidra li r-rikorrent għandu jitħallas l-imgħax skont il-liġi fuq l-ammont rifuż bejn id-data tal-irċevuta li fiha huwa ħallas l-imsemmi ammont, u d-data tar-rifużjoni. Iżda tikkunsidra wkoll li huwa għandu jingħata danni morali minħabba d-dewmien u l-ansjetà li sofra riżultat ta' liġi mfassla b'mod li ppermettiet diskriminazzjoni tant inġusta. Tikkunsidra li l-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) għandu jkun kumpens xieraq fiċ-ċirkostanzi.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames u tas-sitt eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu anki dawk ulterjuri;**
2) **Tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti;**
3) **Tillikwida kumpens għad-danni morali sofferti mill-imsemmi rikorrenti fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300), li għandhom jitħallsu lilu mill-**

**intimat Avukat tal-Istat flimkien mal-imgħax skont il-liġi fuq l-ammont ta' ħames mija u għaxar Euro (€510) dekorribbli mid-data li dan tħallas lill-Aġenzija sad-data li din għamlet rifużjoni lir-rikorrent. Dan il-kumpens flimkien mal-imgħax, għandhom jitħallsu lir-rikorrent fi żmien xahar.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-preżenti kawża għandhom jitħallsu kollha mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**